**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 1 t' April, 2016

**Il- Pulizija**
**(Spt. Kylie Borg)**

**-vs-**

**Charles Farrugia**

Kumpilazzjoni Nru. 72/2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat talli:

1. Nhar id-19 ta' Jannar, 2014 ghal-habta tas-07:17 hrs ikkometta serq ta' 150 litru Diesel minn truck kummercjali tal-ghama DAF, bin-numru ta' registrazzjoni SBC020 ghad-dannu ta' Keith Attard Porthuges, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-haga misruqa;
2. Fl-istess jum lok u cikustanzi, laqa' ghandu hwejjg misruqa cioe' 150 litru *diesel* u pjanca ta' registrazzjoni li giet rappurtata nieqsa minn vettura ohra, li gew ghandu b'qerq kemm jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, meta dan kien jaf li gejjien minn serq;
3. Fl-istess jum lok u cikustanzi, ghamel uzu minn pjanci foloz fuq il-vettura Vauxhall Nova bin-numru ta' registrazzjoni KBM806 meta uza pjanca bin-numru ta' registrazzjoni EBI709 li giet rappurtata nieqsa minn vettura ohra;
4. Fl-istess jum lok u cikustanzi dahal fi propjeta` privata minghajr permess tas-sid;

5. Irrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9, Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat li fis-seduta tallum l-imputat rregistra ammissjoni u wara li l-Qorti tatu zmien biex jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu kkonferma l-istess ammissjoni.

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat jinsab akkuzat bi (i) serq ta' diesel; (ii) ricettazzjoni ta' diesel u ta' pjanca ta' registrazzjoni ta' vettura; (iii) uzu ta' pjanci foloz u (iv) vjolazzjoni ta' propjeta` privata.

Illi t-tieni imputazzjoni in kwantu jirrigwarda id-diesel inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni.

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn gew sodisfjacentement ippruvati.

Illi inkwantu ghall-piena, din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz u l-fedina penali tieghu li mhix xi wahda allarmanti.

Ghaldaqstant, il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni in kwantu jirrigwarda il-150 litru diesel, wara li rat l-artikoli 49, 50, 188, 261, 263, 270, 271, 278, 289, 334, 340 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra migjuba fil-konfront tieghu izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien tlett (3) snin.
Il-Qorti spjegat lill-hatja bi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk twettaq reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**